**99. Il-Prim Ministru l-Onor. Edward Fenech Adami jipproponi li:-**

Din il-Kamra:

rat l-*Avis* tal-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea tat-30 ta' Ġunju 1993, dwar l-applikazzjoni ta' Malta għad-dħul fl-istess Komunità;

tinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni ddikjarat espliċitament li Malta "hija pjenament ġustifikata li tasserixxi l-vokazzjoni tagħha biex issir membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, dritt li l-Komunità għandha tikkonferma";

rat b'sodisfazzjon li fil-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fil-21-22 ta' Ġunju 1993, l-istess Kunsill iddikjara li l-Avis tal-Kummissjoni fuq Malta għandu jiġi eżaminat malajr mill-Kunsill tal-Ministri tal-Komunità;

tinnota li l-Gvern Malti ġa beda jieħu l-passi neċessarji għal tibdil fl-istruttura tal-ekonomija ta' pajjiżna kif jixraq lil pajjiż li qiegħed jimxi 'l quddiem fl-ekonomija tiegħu, u dan jikkonforma wkoll mal-*acquis communautaire* tal-Komunità Ewropea

tiddikjara li l-Gvern għandu jkompli jieħu l-passi neċessarji għar-ristrutturazzjoni tal-ekonomija ta' Malta, kif ġa mħabbar mill-istess Gvern;

ittenni li hu fl-interess tal-poplu Malti li pajjiżna jsir membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk tistenna li n-negozjati għad-dħul ta' Malta jibdew fl-iqsar żmien possibbli.

06.07.1993

**Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alfred Sant ressaq din l-emenda "A":**

Ħassar il-kliem kollu wara "tinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni ddikjarat espliċitament" u daħħal flokhom dan li ġej:

Tinnota t-tkarkir esaġerat ta' żmien li ttieħed biex ġie pubblikat dan l-*Avis*, u kif minkejja kulma kien jgħid il-Gvern Demokristjan Nazzjonalista, l-*Avis* jgħid ċar u tond li la għadu wasal iż-żmien u wisq anqas saret il-preparazzjoni meħtieġa biex tiġi diskussa l-applikazzjoni tal-Gvern ħalli jdaħħal lil Malta bħala membru sħiħ fil-Komunita' Ewropeja;

Tagħraf li l-Gvern Demokristjan Nazzjonalista mar kompletament żmerċ fil-previżjonijiet politiċi tiegħu, waqt li mexxa kampanja li biha sistematikament ta informazzjoni qarrieqa lill-poplu dwar dak li kien qed jiġri bl-applikazzjoni ħalli jdaħħal lill-Malta fil-Komunità Ewropeja, biex b'hekk Malta spiċċat umiljata;

Tħoss li l-*Avis* qed ifittex li jimponi prekondizzjonijiet iebsin fuq pajjiżna qabel dan ma jista' jersaq lejn xi taħdidiet proprji dwar sħubija sħiħa, u mingħajr mal-Komunità se tkun qegħda tintrabat b'xi mod dwar trattament li jista' jiġi eventwalment offrut lill-Malta;

Temmen li t-tibdil mill- qiegħ tas-sistemi ekonomiċi, finanzjarji u soċjali li qed ikunu mitluba fl-*Avis*, ikollhom effett diżastruż fuq il-pajjiż kollu, għax bl-ebda mod ma jgħoddu għall-kondizzjonijiet partikolari tiegħu;

Tinsisti li l-poplu Malti ma jistax u m'għandux jabbanduna l-istatus ta' newtralità u non-alineament, minqux fil-Kostituzzjoni, għax dan huwa kisba essenzjali tal- ġens Malti u għandu jitqies bħala pedament ewlieni li fuqu trid tinbena l-ħidma futura ta' pajjiżna favur il-paċi u l-koperazzjoni bejn il- popli tal-Mediterran.

Għalhekk din il-Kamra:

Tirriżolvi li tirtira l- applikazzjoni magħmula mill-Gvern biex idaħħal lil Malta bħala membru sħiħ tal-Komunità, għax tqis li din mhijiex fl-aħjar interess tal-poplu;

Tiddikjara li tixtieq iżżomm u tiżviluppa l-aħjar u l-eqreb relazzjonijiet possibbli mal-Komunita' Ewropea, illum u fil-ġejjini, li jkunu kompatibbli ma' l- interess nazzjonali. U biex jintlaħaq dan il-għan:

Tiddeċiedi li l-Gvern għandu jfittex biex minnufih, jiftaħ negozjati mal-Komunita' Ewropea li jwasslu għal konklużjoni ta' ftehim fit-tul mal- Komunita' Ewropea li jkopri bejn 15 għal 20 sena. Dan il-ftehim għandu jkun imsejjes fuq it-twaqqif ta' żona ta' kummerċ industrijali ħieles bejn Malta u l- Komunita' waqt li jipprovdi bażi kuntrattwali għal koperazzjoni ġenwina u sħiħ fl-oqsma politiċi, finanzjarji, tekniċi, soċjali u kulturali.".

**L-emenda m'għaddietx f'Seduta nru161 tal-Ġimgħa 9 ta' Lulju 1993.**

**Il-Mozzjoni għaddiet.**